

II

(Attie mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1660

tal-15 ta' Ottubru 2020

li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għall-megrims fiż-żoni 8a, 8b, 8d u 8e minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 (²) jistabbilixxi l-kwoti għall-2020.
- (2) Skont it-tagħrif li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tal-megrims li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż għamlu fiż-żoni 8a, 8b, 8d u 8e eżawrew il-kwota allokata għalihom għall-2020.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġi pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Belġju għall-istokk tal-megrims fiż-żoni 8a, 8b, 8d u 8e msemmija fl-Anness għandha titqies li hija eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

1. Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Belġju jew li huma rreġistrati f'dak il-pajjiż għandhom jiġi pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jkun ipprojbit li jsir tiftix għall-ħut, tfiġi, issettjar jew ġbid tal-irkaptu tas-sajd għall-finijiet tas-sajd ta' dak l-istokk.
2. It-trasbord, iż-żamma abbord, l-iproċċar abbord, it-trasferiment, it-tqegħid f'għażżeq, is-simna u l-ħatt l-art ta' ġut u ta' prodotti tas-sajd minn dak l-istokk li jinqabdu minn dawk il-bastimenti għandhom jibqgħu awtorizzati għall-qabdet meħuda qabel dik id-data.

(¹) ĠUL 343, 22.12.2009, p. 1.

(²) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti grupp ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmjiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmjiet mhux tal-Unjoni (ĠUL 25, 30.1.2020, p. 1).

3. Il-qabdet mhux intenzjonati ta' speċijiet minn dak l-istokk minn dawk il-bastimenti għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd, jiġu rreġistrati, jinħattu l-art u jinqatgħu mill-kwoti f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Ottubru 2020.

*Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni*

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

ANNESS

| | |
|-----------------|------------------------------------------------|
| Nru | 24/TQ123 |
| Stat Membru | Il-Belġju |
| Stokk | LEZ/*8ABDE (kondizzjoni speċjali għal-LEZ/07.) |
| Speċi | Megrims (<i>Lepidorhombus spp.</i>) |
| Żona | 8a, 8b, 8d u 8e |
| Data tal-għeluq | 1.10.2020 |